A.L. 118 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier tal-Kirurġija Dentali (B.Ch.D.)
(Igħoddu għal korsijiet li jibdew f'Ottubru 1988 jew wara)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga r-Regolamenti li ġejjin magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att:—

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti għall-B.Ch.D. u jgħoddu għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1988 jew wara.

REGOLAMENTI GĦALL-GRAD TA' BAĊILLIER TAL-KIRURĠIJA DENTALI (B.Ch.D)

(Igħoddu għal korsijiet li jibdew f'Ottubru 1988 jew wara)

Biex jingħata l-Grad

1. Biex ikun jista' jingħata l-Grad ta' Baċillier tal-Kirurġija Dentali (B.Ch.D.) kandidat irid:

(a) ikun reġistrat bħala student matrikolat skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università;

(b) jissodisfa r-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors skond ir-Regolament 3 hawn isfel;

(ċ) itemm il-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżamijiet u jissodisfa l-kwalifiki l-oħra kollha kif hawn imniżżel f'dawn ir-Regolamenti;

(d) jissodisfa kwalifiki oħrajn kollha mniżżlin fi Statuti u f'Regolamenti rilevanti oħra ta' l-Università.

It-Tul tal-Kors

2. Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad ta' Baċillier tal-Kirurġija Dentali jinfirex fuq erba' snin.

Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

3. Biex japplika għad-dħul fil-kors li jwassal għall-grad ta' Baċillier tal-Kirurġija Dentali (B.Ch.D.), barra li jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul bħala student regulari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università, il-kandidat irid jissodisfa dawn ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors:

kwalifiki fil-Livell Avanzat (tnejn minnhom fil-Grad Ċ jew aħjar u l-oħra fi Grad D jew aħjar) f'dawn:

(i) il-Fiżika *jew* il-Fiżika-mal-Matematika
(ii) il-Kimika
(iii) il-Bijoloġija *jew* iż-Żooloġija

fl-Eżami tal-Matrikola ta' l-Università, jew f'livelli li jikkorrispondu għalih ta' eżamijiet oħrajn magħrufa mis-Senat għall-għanijiet tar-Regolamenti għad-Dħul:

Bil-kundizzjoni li kandidat li hu gradwat ta' università, jew għandu kwalifiki oħra li huma meqjusin suffiċjenti, jista' jkun eżentat mill-Bord tad-Dħul, bil-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, minn dawn ir-rekwiżiti speċjali għall-kors kollha jew minn uħud minnhom.

Oqsma tas-Suġġetti fil-Kors

4. L-oqsma tas-suġġetti tal-Kors tal-Kirurġija Dentali huma dawn:

L-EWWEL SENA
Dentistrija Preventiva u Komunitarja
Dentistrija Restawrativa
Bijoloġija Umana

IT-TIENI SENA
Dentistrija Preventiva u Komunitarja
Is-Saħħa Dentali tat-Tfal u l-Ortodontika
Dentistrija Restawrativa
Mediċina Orali, Kirurġija Orali u Patoloġija Orali
Xjenzi Mediċi Kliniċi

IT-TIELET SENA
Dentistrija Restawrativa
Mediċina Orali, Kirurġija Orali u Patoloġija Orali
Is-Saħħa Dentali tat-Tfal u l-Ortodontika

IR-RABA' SENA
Dentistrija Restawrativa
Mediċina Orali, Kirurġija Orali u Patoloġija Orali
Is-Saħħa Dentali tat-Tfal u l-Ortodontika

Testijiet ta' progress

5. Isiru Testijiet ta' Progress f'dawk l-oqsma tas-suġġetti li t-tagħlim tagħhom jinfirex fuq aktar minn sena waħda, kif ġej:

MATUL L-EWWEL SENA
Dentistrija Preventiva u Komunitarja
Dentistrija Restawrativa

MATUL IT-TIENI SENA
Is-Saħħa Dentali tat-Tfal u l-Ortodontika
Dentistrija Restawrativa
Mediċina Orali, Kirurġija Orali u Patoloġija Orali
Xjenzi Mediċi Kliniċi

MATUL IT-TIELET SENA
Dentistrija Restwrativa
Mediċina Orali, Kirurġija Orali u Patoloġija Orali
Is-Saħħa Dentali tat-Tfal u l-Ortodontika

6. Ikun hemm żewġ sessjonijiet ta' dawn it-testijiet: waħda f'Mejju/Ġunju u waħda f'Settembru.

7. Kandidat jitħalla jgħaddi għas-sena ta' wara tal-kors biss jekk il-Bord tal-Fakultà iqis li x-xogħol tiegħu fit-Testijiet ta' Progress jilħaq il-livell li bih igħaddi.

L-Eżamijiet

8. L-eżamijiet isiru kif ġej:

L-EŻAMI TA' L-EWWEL SENA
Il-Bijoloġija Umana

L-EŻAMI TAT-TIENI SENA
Id-Dentistrija Preventiva u Komunitarja

L-EŻAMI TAT-TIELET SENA
Xjenzi Mediċi Kliniċi

L-EŻAMI FINALI
Dentisrija Restawrativa
Mediċina Orali, Kirurġija Orali u l-Patoloġija Orali
Is-Saħħa Dentali tat-Tfal u l-Ortodontika

9. Qabel ma jkun aċċettat għal kull wieħed minn dawn l-Eżamijiet, kandidat irid jippreżenta ċertifikat, iffirmat mill-Kap tad-Dipartiment, li juri li hu temm b'mod sodisfaċenti l-iskeda tax-xogħol prattiku u kliniku mfassal għal dik is-sena.

10. (a) Ikun hemm żewġ sessjonijiet ta' l-Eżamijiet fi tmiem l-Ewwel Sena, it-Tieni Sena u t-Tielet Sena tal-Kors, wieħed f'Mejju/Ġunju u l-ieħor f'Settembru.

(b) Flimkien mal-ħtiġijiet tar-Regolament 5 dwar it-Testijiet ta' Progress, il-kandidat irid igħaddi mill-Eżami ta' kull sena qabel ma jitħalla jidħol fis-sena ta' wara tal-kors.

11. F'kull suġġett ta' l-Eżamijiet li jsiru fi tmiem l-ewwel tliet snin tal-kors, l-ismijiet tal-kandidati li jkunu għaddew mill-eżami jkunu ppubblikati f'ordni alfabetiku f'kull wieħed minn erba' gruppi: A, B, C u D skond il-livell tal-mertu tagħhom. Il-kandidati li isimhom ma jidhirx f'xi wieħed mill-erba' gruppi jitqies bħala li weħel mill-eżami fis-suġġett li jkun.

L-Eżami Finali

12. L-Eżami Finali jsir f'Mejju/Ġunju tar-raba' sena, u jkun hemm żewġ sessjonijiet oħra ta' l-Eżami Finali f'Jannar u f'Ġunju ta' wara.

13. Kandidat irid jieħu s-suġġetti kollha ta' l-Eżami Finali f'sessjoni waħda jekk ma jihux l-Eżami Finali skond ir-Regolamenti 15 u 16.

Ir-Riżultat ta' l-Eżami Finali

14. L-ismijiet tal-kandidati li jkunu għaddew mill-Eżami Finali fl-ewwel sessjoni ta' Mejju/Ġunju jkunu ppubblikati f'ordni alfabetiku f'żewġ kategoriji: "Għadda b'Distinzjoni" u "Għadda". Riżultati eċċezzjonali f'xi suġġett ikunu indikati wkoll fil-lista. Ir-Riżultat iqis ix-xogħol tal-kandidat matul il-kors.

Fiż-żewġ sessjonjiet żejda msemmija fir-Regolament 12 l-ismijiet ta' kandidati li jgħaddu jkunu ppubblikati f'ordni alfabetiku f'lista sempliċi ta' studenti li għaddew.

Riferiment u Ri-eżami

15. Fl-ewwel żewġ sessjonijiet ta' l-Eżami Finali, kandidat li jieħu t-tliet suġġetti kollha ta' l-Eżami jista' jkun riferut f'suġġett wieħed. Lista ta' dawn l-istudenti tkun ippubblikata u tindika s-suġġett li fih kull kandidat ikun ġie riferut.

16. Kandidat li jkun ġie riferut f'suġġett wieħed jista' jagħmel l-eżami f'dak is-suġġett fis-sessjoni li jkun imiss. Jekk igħaddi mill-eżami f'dak is-suġġett, ismu jkun inkluż fil-lista ta' dawk li jkunu għaddew fl-Eżami Finali. Jekk jeħel, ikun meqjus li weħel fl-Eżami Finali.

17. Kandidat ma jitħalliex jagħmel l-Eżami Finali f'xi waħda mis-Sessjonijiet żejda jekk ma jkunx għamel it-taħriġ ieħor li l-Bord tal-Fakultà jista' jordna.

Dħul mill-Ġdid

18. Kandidat li ma jgħaddix mill-Eżami Finali f'xi waħda mit-tliet sessjonijiet imsemmija fir-Regolament 12 jista' jitħalla mill-Bord tal-Fakultà jirrepeti r-raba' sena tal-kors bil-kundizzjonijiet li hu jħoss li huwa xieraq li jimponi, u li jagħmel l-Eżami Finali fi tmiem dik is-sena. Dan il-kandidat ma jikkwalifikax għal "Għadda b'Distinzjoni".

19. Ebda kandidat ma jista' jirrepeti r-raba' sena tal-kors aktar minn darba.